25 ta' Mejju, 1950

Imħallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Carmelo Zarb *versus* Joseph Mizzi

**Kolliżjoni — Karrozza — Danni — Assikurazzjoni — "Third Party Risks" — Art. 3 (1) ta' l-Ordinanza XXXVI ta' l-1939.**

*Il-liġi relativa għall-assikurazzjoni dwar ir-riski ta' terzi persuni ħolqot obligazzjoni ġdida, jiġifieri illi ħadd ma jista' juża karrozza tal-mutur fuq it-triq, jew iġiegħel jew jippermetti lil persuna oħra tuża l-vettura tiegħu tal-mutur fuq it-triq, kemm il-darba għall-użu tal-vettura, minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skond il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' sikurtà jew garanzija dwar ir-riski ta' terzi persuni.*

*L-iskop animatur ta' dik il-liġi kien illi jiġi assikurat il-ħlas tad-danni, lil min isofrihom, derivanti minn kolliżjonijiet ta' karrozzi.*

*Jekk il-persuna li jkollha l-karrozza assikurata tonqos minn xi patt tal-polza tas-sikurtà, u għalhekk il-kumpannija assikuratriċi tkun eżentata mir-responsabilità għad-danni kaġunati lil terza persuna bl-użu ta' dik il-karrozza, dik il-persuna tirrendi ruħha responsabili għal dawk id-danni daqs kieku kkaġunathom hija stess direttament.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, wara li ppremetta li fis-17 ta' Jannar 1948 huwa kien ġie milqut u ferut gravement minn karrozza numru 1159 li kienet misjuqa minn ċertu Arthur Gatt, u li kienet ta' proprjetà tal-konvenut Mizzi; u illi l-konvenut, skond il-polza ta' l-assikurazzjoni, ma kellux il-poter li jippermetti lil terzi persuni biex isuqu l-karrozza in kwstjoni, ad eċċezzjoni ta' dawk il-persuni li kienu espressament indikati fl-istess polza ta' l-assikurazzjoni; u illi l-imsemmi Arthur Gatt ma kienx jidħol fil-kategorija tal-persuni ndikati fl-istess polza ta' l-assikurazzjoni, u minħabba f'dan il-fatt il-kumpannija assikuratriċi ġiet assolta minn din il-Qorti b'sentenza tagħha tas-6 ta' Ġunju 1949, konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Ottubru 1949, fl-ismijiet "Carmelo Zarb vs. Arthur Gatt", mir-responsabilità li tħallas id-danni li sofra l-attur in konsegwenza ta' l-investiment in kwistjoni, u li ġew likwidati mill-istess Qorti fl-ammont ta'

£95. 6. 1, minħabba li d-domanda saret intempestiva; talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur in linja ta' danni s-somma ta' £95. 6. 1 li ġiet likwidata minn dil-Qorti bis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ġunju 1949 konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Ottubru 1949, bħala danni mill-attur sofferti in konsegwenza ta' l-investiment in kwistjoni. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Marzu 1950, li bih il-kawża ġiet mibgħuta quddiem dina l-Qorti kif presjeduta, minħabba astensjoni ta' l-Onorabbli Imħallef Dr. Albert V. Camilleri, u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess verbal;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta mill-kawża fuq imsemmija, alligata ma' dan il-proċess u li għaliha l-kontendenti għamlu riferenza u rrimettew ruħhom għall-provi li saru fiha, li fis-17 ta' Jannar 1948 l-attur, waqt li kien sejjer min-naħa ta' l-Imsida ma' tul Rue D'Argens, biex jidħol fl-Empire Stadium għal-logħob tal-football, ġie milqut minn karrozza "private" nru. 1159, li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta, misjuqa minn Arthur Gatt, li kellu miegħu tlieta min-nies oħra, u b'konsegwenza ta' dik il-laqta huwa sofra xi leżjonijiet. Dina l-karrozza ma kienetx ta' Gatt, imma tal-konvenut, u kienet assikurata mal-"United British Insurance Company, Limited", b'polza numru 900022 għall-perijodu bejn l-4 ta Awissu 1947 u t-3 ta' Awissu 1948 (fol. 6 tal-proċess l-ieħor), u hekk fiż-żmien tal-kolliżjoni, u għall-"hire service" fit-termini tal-"Motor Vehicles Insurance (Third Party Risks) Ordinance" (Kap. 165 tal-Liġijiet ta' Malta); u bil-kondizzjoni illi l-karrozza kellha tiġi misjuqa mill-assikurat jew persuna oħra fl-impjeg tiegħu. B'ċitazzjoni numru 653 ta' l-1948, l-attur azzjona lil Arthur Gatt, kif ukoll lill-kumpannija assikuratriċi fuq imsemmija, biex iħallsuh it-tnejn, jew min minnhom, £95. 6. 1, danni li huwa sofra b'konsegwenza tal-kolliżjoni fuq imsemmija. Dina l-Qorti, b'sentenza tas-6 ta' Ġunju 1949, sabet lil Arthur Gatt ħati tal-kolliżjoni, u kkundannatu jħallas lill-attur, bħala danni minnu reklamati, dik l-istess somma minnu mitluba ta' £95. 6. 1, għaliex daqstant ġew likwidati, u lliberat lill-kumpannija assikuratriċi peress li deħrilha li t-talba ta' l-attur għar-rigward tagħha kienet

intempestiva; però rriżervat lill-attur kwalunkwe azzjoni oħra skond il-liġi "sic et quatenus" kontra Joseph Mizzi, il-konvenut tal-lum, u kontra l-istess kumpannija assikuratriċi. B'deċiżjoni tagħha ta' l-24 ta' Ottubru 1949 il-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re kkonfermat "in toto" s-sentenza fuq imsemmija;

Illi f'din il-kawża l-attur qiegħed issa jaġixxi direttament kontra l-konvenut, sid il-karrozza, bħala l-persuna assikurata bil-polza fuq imsemmija, għar-raġuni, kif jallega, li dan kiser il-pattijiet ta' dik l-assikurazzjoni, u hekk sar responsabili, għalkemm indirettament, tal-kolliżjoni. Il-konvenut min-naħa tiegħu jissottometti illi huwa m'huwiex responsabili tad-danni li sofra l-attur, kif fuq likwidati, għax (1) ma kienx hu li kien isuq il-karrozza, u hekk mhuwiex responsabili direttament, u (2) mhuwiex responsabili lanqas indirettament, għaliex il-każi ta' responsabilità indiretta huma tassativi fil-liġi, u f'dawn il-każi ma hux inkluż dak prospettat mill-attur, billi dan huwa każ ta' liġi speċjali li ma toħloqx dina r-responsabilità;

Ikkunsidrat;

Illi huwa veru li l-konvenut ma kienx isuq il-karrozza huwa stess meta ġrat il-kolliżjoni, u mhuwiex responsabili direttament għal dik il-kolliżjoni; imma l-attur mhuwiex qiegħed jibbaża l-pretensjoni tiegħu fuq r-responsabilità diretta;

Illi, kif jidher mill-polza ta' l-assikurazzjoni fil-fol. 46 tal-proċess l-ieħor, il-persuna assikurata fiż-żmien tal-kolliżjoni kienet il-konvenut. L-assikurazzjoni kienet tgħatti lilu, bħala assikurat, kif ukoll lil kull persuna oħra, "basta li tkun fl-impjieg tiegħu", u tkun qiegħda ssuq bl-ordni jew bil-permess tiegħu. Fi kliem ieħor, skond dina l-polza, l-assikurazzjoni ma tagħmelx tajjeb għall-ħsarat fil-każ li l-impjegat tal-konvenut jieħu l-karrozza minn rajh bla ma javża lill-konvenut, u fil-ħin li tkun f'idejh jagħmel xi ħsara lil xi ħadd biha. Il-karrozza giet ukoll assikurata biss "for the carriage of passengers or goods in connection with the insured business", jiġifieri mhux għall-"hire service";

Illi kif xehed il-konvenut quddiem il-perit ġudizzjarju fit-28 ta' Jannar 1949, huwa hu s-sid tal-karrozza fil-kwistjoni, u Arthur Gatt, li kien isuqha fil-ħin tal-kolliżjoni, ma kienx al-lura fl-impjieg tiegħu, imma sempliċement "ħabib tiegħu", u

huwa kien siliflhielu jew taħielu biex imur biha sa l-Empire Stadium għal-logħob (fol. 41 tal-proċess l-ieħor). Dina ċ-ċirkustanza weħedha hija biżżejjed biex turi li l-konvenut kiser żgur wieħed mill-pattijiet tal-polza ta' l-assikurazzjoni, meta ta l-karrozza biex isuqha lil persuna li ma kienetx fl-impjeg tiegħu. Irid jiġi issa eżaminat jekk minħabba l-ksur ta' dana l-patt il-konvenut irrendiex ruħu responsabili, indirettament u minflok il-kumpannija assikuratriċi, għall-ħsara li sofra l-attur f'dik il-kolliżjoni;

Illi l-karrozza tal-konvenut kienet assikurata fit-termini tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza XXXVI ta' l-1939, kif emendata bl-Ord. XVI ta' l-1940 (Kap. 165 tal-Liġijiet ta' Malta). L-ispirtu animatur ta' dina l-liġi kien illi jiġi assikurat il-ħlas tad-danni lil min isofrihom, derivanti minn kolliżjonijiet ta' karrozzi. Issa huwa veru li qabel l-introduzzjoni ta' din il-liġi sid il-karrozza ma ġie qatt miżmum responsabili ta' danni simili, meta l-karrozza ma kienetx tkun ġiet misjuqa minnu, imma minn driver ieħor, sakemm ma kienx jiġi pruvat fis-sid li huwa kien fi ħtija "in eligendo"; liema ħtija kienet tiġi kunsidrata li tikkonsisti fin-nuqqas ta' kapaċità tal-persuna li kienet tkun issuq. Bil-liġi l-ġdida, li biha saret obligatorja l-assikurazzjoni ta' "Third Party Risks", inħolqot obligazzjoni ġdida, jiġifieri li ħadd ma jista' juża karrozza tal-mutur fuq it-triq, jew iġiegħel jew jippermetti lil persuna oħra tuża vettura tal-mutur fit-toroq, kemm il-darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skond il-każ, ma tkunx isseħħ polza tas-sikurtà jew garanzija dwar ir-riski ta' terzi persuni (art. 3 (1) ta' l-istess Ordinanza). Dina d-dispożizzjoni hija kopja tas-sezzjoni 35 (1) tar-'Road Traffic Act, 1930'; u skond il-Qrati Ingliżi, min jikser dina d-dispożizzjoni, li hija obligu statutorju, ikun responsabili fir-rigward tat-"third party risks" daqs min ikkaġuna direttament id-danni (ara Batten and Dinsdale, Stone & Cox Ltd. 1933, Motor Car Insurance, p. 84; u l-każ "Monk vs. Warbey et. (1935) 1 K.B. 75, ċitat minn Terrell, Law of Running Down Cases, page 281). U dan ma jistax ikun mod ieħor. Il-liġi trid li jkun hemm xi ħadd responsabili għall-ħlas tad-danni; l-assikurazzjoni tindaħal għal dina r-responsabilità, imma taħt ċerti pattijiet; biex l-assikurat jeħles lilu nnifsu minn dik ir-responsabilità hemm bżonn li huwa

juniforma ruħu għal dawk il-pattijiet; altrimenti l-liġi jibda jeħles minnha kulħadd, u min isofri l-ħsara jibqa' li ma jkollux kontra min idur biex jitħallas tagħha—dak li hu kontra l-ispirtu animatur tal-liġi, kif fuq intqal;

*Illi l-attur qiegħed* jibbaża l-pretensjoni tiegħu fuq il-fatt li l-konvenut ma setax jippermetti lil Arthur Gatt biex isuq il-karrozza li kkaġunat il-kolliżjoni, billi l-istess Gatt ma kienx jidħol fil-kategorija tal-persuni ndikati fil-polza ta' l-assikurazzjoni. Dina ċ-ċirkustanza giet pruvata, għaliex, *kif ġà ngħad*, il-konvenut, barra pattijiet oħra, kiser dak il-patt tal-polza ta' l-assikurazzjoni, dak jiġifieri li, biex jeħles mir-responsabilità, huwa ma kellux, kif għamel, jafda l-karrozza lil persuna li ma kienetx *fl-impjeg tiegħu, imma sempliċement ħabib tiegħu*. Divers kien ikun il-każ kieku Gatt kien fl-impjeg tal-konvenut. "Where a policy had been granted to A, providing that the insurance shall extend to indemnify any *person* who is driving on the insured's order, or with his permission, in respect of any legal liability to third parties, it was held that notwithstanding he was not a party to the contract, B, who was driving with A's permission, might himself successfully sue on A's policy, and was therefore properly insured" (ara każi ċitati minn Stone, Justice's Manual, 78th. edition, 1946, page 1946, note "s");

Illi minħabba dan l-aġir tiegħu l-konvenut għalhekk irrenda ruħu responsabili lejn l-attur għad-danni li sofra dan, daqs kemm kieku kkaġunahom huwa stess direttament. Dawn id-danni ġew likwidati fl-ammont ta' £95. 6. 1; u l-konvenut, li flimkien ma' l-attur għamel riferenza u rrimetta ruħu għall-provi tal-kawża l-oħra, fejn saret dik il-likwidazzjoni, ma kkontesta bl-ebda mod dik il-likwidazzjoni;

*Għal dawn ir-raġunijiet;*

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż.

---